MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Numru. 1099/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana u**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Johan Sultana**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Johan Sultana detentur tal-karta tal-identita` numru 47882(M).

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(a) nhar l-1 ta' Ottubru, 2012 u fix-xahar ta' qabel, minn gewwa r-residenza BlkA, Flt 4, Triq G. Grech Delicata,

Birkirkara ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat, bil-valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok, bil-hin u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' John Vella u/jew persuna/i ohra,

(b) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet il-provi; u

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Rat illi l-imputat hallas kompletament il-flus kollha derubati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261, 263, 267, 269, 270 tal-Kap. 9 qed issib lill-imputat Johan Sultana hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u ghal dan il-ghan qed tpoggih taht Probation Order taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal tlett (3) snin fejn il-probation officer hekk imqabbad ghandu jaccerta ruhu li l-vizzju tad-droga li kellu l-imputat huwa verament maghlub.

Il-Qorti tordna wkoll illi skont l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 l-imputat jitqieghed taht ordni ta' servizz fil-komunita` u dan ghal perjodu ta' mitt (100) siegha.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------